Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9638 — Hyundai Motor Group/Aptiv/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 26/03)

1. Fis-17 ta' Jannar 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Aptiv PLC ("Aptiv", l-Irlanda),

— Hyundai Motor Company, Kia Motors Corporation u Hyundai Mobis, kollha jappartjenu għall-Hyundai Motor Group ("HMG", il-Korea t'Isfel).

Aptiv u HMG jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'impriża bi sħab (joint venture, "JV", l-Istati Uniti tal-Amerka.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'JV).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Aptiv: kumpanija dinjija tat-teknoloġija u l-mobilità li primarjament isservi lis-settur tal-karozzi. Aptiv tiddisinja u timmanifattura kompenenti tal-vetturi u soluzzjonijiet tat-teknoloġija tas-sigurtà,

— HMG: grupp internazzjonali ta' kumpaniji b'portafoll varjat ta' attivitajiet kummerċjali, inklużi l-manifattura u l-bejgħ tat-tipi kollha ta' vetturi bil-mutur. L-affiljati ewlenin ta' HMG jinkludu l-fergħat tagħha li jagħmlu l-karozzi, HMC u Kia kif ukoll l-unità tagħha Mobis, li tagħmel il-partijiet tal-karozzi.

Il-JV se tiddisinja, tiżviluppa u tikkummerċjalizza teknoloġiji ta' software għal sewqan awtomatiku, servizzi, sistemi, arkitettura tal-vetturi u offerti oħra relatati fir-rigward tal-Livelli 4 u u / jew 5 tas-Society of Automotive Engineers ("SAE") għal sewqan awtomatiku.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9638 — Hyundai Motor Group/Aptiv/JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 229-64301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.